**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum,**

Rikors Numru: 252/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 557/2010)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-21 ta' Mejju tas-sena 2010 u minn dan iż-żwieġ huma kellhom wild minuri E F D, li twieled nhar 14 ta' Mejju 2014 (ara kopja taċ-Ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A) ;

2. Illi sussegwentement, il-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat 9 ta' Marzu 2020, izda kienu ilhom separati de facto minn Lulju 2017 (ara kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni hawn anness u mmarkat Dok. B);
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet reciprokament irrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin u li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti mill-esponenti għat-tifel minuri (ara affidavit anness u mmarkat Dok. C);
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad- divorzju skont l-Artikoli 66B et seq tal-Kodici Civili;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Qorti jogħġobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal- aħħar jirreġistra l-istess fiċ-Ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi :-

Illi preliminarjament l-esponenti jissottolinja li n-numru tal-karta ta' l-identità tiegħu fir-rikors promotur bi żball huwa indikat bħala X, iżda dan fir- realtà għadu ikun X u għalhekk jitlob umilment li ssir korrezzjoni ta' l-istess at termini tal-artikolu 175 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, l-esponenti jaqbel mal-premessa li l-partijiet ilhom separati minn xulxin legalment għal iktar minn tliet snin u dan b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat nhar id-09 ta' Marzu tas-sena 2020;

3. Illi, l-esponenti jaqbel li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum għandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi, fir-rigward tal-minuri EF D ma hemm ebda manteniment dovut kif del resto jirrizulta mil-kuntratt sovraċitat;

5. Illi l-partijiet reciprokament irrinunżjaw ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin u għalhekk l-esponenti m'għandu l-ebda jew kwalsiasi pretensjoni għal ħlas ta' xi manteniment;

6. Illi l-esponenti jaqbel illi l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-espenenti ma jopponix t-talbiet kif dedotti mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Gunju 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Marzu 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħhda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.